

Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010

Sommarju Eżekuttiv



Ewropa Soċjali



Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010

Sommarju Eżekuttiv

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq
Unità B1

Manuskritt li tlesta f' Ottubru 2010

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Ritratt tal qoxra: 123RF

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz
li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek
dwar l-Unjoni Ewropea

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(* Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri
00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-79-17897-9
doi:10.2767/15701

© L-Unjoni Ewropea, 2011

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-rapport 2010 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa jagħti ħarsa lejn it-tendenzi u l-iżviluppi fir-relazzjonijiet kollettivi bejn il-ħaddiema, min iħaddem u r-rappreżentanti rispettivi tagħhom tul dawn l-aħħar sentejn. Dan huwa s-sitt rapport ta' dan it-tip maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea u huwa bbażat fuq l-edizzjoni tal-2008. Peress li l-perjodu li qed jiġi analizzat ikkoinċida mal-bidu u t-tixrid tal-aġħar kriżi ekonomika fl-istorja reċenti, dan ir-rapport iħares mill-qrib lejn kif sistemi ta' relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni Ewropea laħħqu mal-kriżi, affettwaw l-andament tagħha u influwenzaw għadd ta' riżultati.

Ir-rapport juri li l-kriżi ekonomika ppreżentat atturi u istituzzjonijiet ta' relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni Ewropea bi sfidi mhux mistennija. B'mod ġenerali, intwera li r-relazzjonijiet industrijali fl-Ewropa jibqgħu b'saħħithom meta jkunu taħt pressjoni u li dawn kienu essenzjali biex jittaffew l-effetti tar-reċessjoni, għalkemm mhux sal-istess punt fil-pajjiżi kollha. It-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ġew identifikati bħala interlocutori ewlenin għal diversi gvernijiet li kienu qed ifittxu modi kif jirrispondu għall-kriżi. In-negozjar u l-konsultazzjoni li involvew l-imsieħba soċjali, flimkien ma' politika monetarja u fiskali ta' stimolu, kellhom rwol sinifikanti fit-trażżin ta' konsegwenzi soċjali negattivi. Madankollu, l-importanza ta' dan varja b'mod konsiderevoli fl-Istati Membri.

Ir-reċessjoni kellha l-aktar impatt qawwi fil-pajjiżi li kienu l-aktar vulnerabbli għall-oriġini finanzjarji tal-kriżi, u f'dawn il-postijiet dan wassal għal tensjonijiet bikrija bejn l-imsieħba soċjali. Waqt li l-kriżi kienet qed tinfirex u taffettwa aktar Stati Membri fl-2008 u fil-bidu tal-2009, ġie żviluppat kunsens bejn l-imsieħba soċjali f'diversi pajjiżi dwar il-ħtieġa għal azzjoni rapida biex jiġu ppreservati l-impjegji u biex tiġi stimolata l-ekonomija. Dan kellu jsir flimkien ma' reazzjoni għall-kriżi fil-livell Ewropew ikoordinata b'mod aħjar. Id-djalogu soċjali wassal għal reazzjonijiet innovattivi f'diversi Stati Membri u setturi, bħal pereżempju l-introduzzjoni jew l-estensjoni ta' skemi ta' ħinijiet tax-xogħol imnaqqs. Is-suċċess ta' dawn il-miżuri huwa evidenti: iż-żieda ġenerali fil-qgħad kienet inqas gravi milli kien mistenni meta din tiġi mqabbla mat-tnaqqis drammatiku fl-attività ekonomika. Ħafna kumpanniji fl-Unjoni Ewropea għamlu użu mill-benefiċċji tad-djalogu soċjali u tal-miżuri governattivi relatati miegħu, li ppermettewhom li jassorbu l-impatt tar-reċessjoni permezz tal-flessibilità interna, pereżempju permezz ta' tnaqqis fis-siġħat tax-xogħol, minflok billi ġew imġiegħla jużaw il-flessibilità esterna u jagħtu s-sensja lill-ħaddiema.

Madankollu, is-sitwazzjoni mhijiex uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha. Uħud mill-Istati Membri ntlaqtu partikolarment bil-qawwi u esperjenzaw żieda enormi fil-qgħad, filwaqt li f'oħrajn l-effetti tar-reċessjoni kważi lanqas biss inħassu. Il-varjazzjonijiet fir-rwol u s-saħħa tradizzjonali tal-istituzzjonijiet ta' djalogu soċjali ta' pajjiżi differenti kienu wkoll fattur importanti fid-determinazzjoni ta' jekk kienx possibbli li jsir kompromess u ftehim bejn l-imsieħba soċjali. B'konsegwenza ta' dan, il-livell ta' kunsens jew ta' nuqqas ta' qbil varja ħafna bejn il-pajjiżi u bejn setturi ekonomiċi, u nħolqu għadd ta' konflitti f'diversi Stati Membri. Dan l-aħħar dan in-nuqqas ta' qbil iffoka fuq il-ħtieġa u l-livell ta' miżuri ta' awsterità biex jitnaqqsu d-djun pubbliċi, ir-riforma tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u s-sistemi tal-pensjonijiet u l-politika tal-pagi għall-ġejjieni. Filwaqt li nholq kunsens ġenerali dwar il-ħtieġa ta' riformi għat-tul u ta' reazzjonijiet għall-kriżi li jħarsu 'il quddiem, id-diverġenzi fir-rigward ta' miżuri speċifiċi ta' politika jstgħu jirriżultaw minn diverġenza aktar fundamentali ta' opinjonijiet dwar il-kawżi tal-kriżi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija.

Madankollu, l-imsieħba soċjali ta' spiss kellhom influwenza fit-tressiq ta' ideat ġodda għall-attenzjoni tal-persuni li jfasslu l-politika fuq il-livelli kollha, minħabba li huma l-interlokutori li l-aktar huma midħla tad-dinja tax-xogħol. Matul il-kriżi, u minkejja l-konflitti li nqalgħu, dawn ħolqu livell notevoli ta' koordinazzjoni u solidarjetà madwar l-Ewropa, u ma waqgħux fit-tentazzjoni li jdaħħlu fis-seħħ reazzjonijiet nazzjonali ta' natura protezzjonista. Dan għen ukoll biex din ir-reċessjoni tkun differenti minn avvenimenti ta' natura simili li seħħew fil-passat. Fil-livell Ewropew, għadd ta' ftehim li ġie konkluż mill-imsieħba soċjali jagħmel differenza konkreta għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni Ewropea, billi indirizza kwistjonijiet bħal-leave tal-ġenituri, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew swieq tax-xogħol inklużivi.

Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew qed jagħtu attenzjoni dejjem akbar lit-tranżizzjoni għal ekonomija ta' karbonju baxx u taw proposti konkreti għall-investiment f'teknoloġiji u ħiliet ekoloġiċi lill-pjanijiet ta' rkupru ta' diversi Stati Membri. Fil-medda twila, id-djalogu soċjali se jkun kruċjali għal tranżizzjoni mmexxija tajjeb u soċjalment ġusta lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Dan se jkollu wkoll impatt pożittiv fuq l-għarfien tal-bżonn li jiżdiedu r-riċerka u l-innovazzjoni speċifiċi li jindirizzaw dawn l-isfidi. Apparti l-fatt li qed jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika relatata mal-bidla fil-klima, l-imsieħba soċjali qed jintroduċu dimensjoni ekoloġika fid-djalogu tagħhom, b'mod partikolari

fuq il-livell tal-intrapriżi. Huma jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni b'mod dirett permezz tat-tqajjim ta' kuxjenza, tikketti jew riċerka, għalkemm fi gradi differenti skont il-kwalità tar-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri.

Kif jindika dan ir-rapport, ir-reċessjoni għandha konsegwenzi importanti għar-rwol tal-istat u tal-politika pubblika fis-soċjetà u l-ekonomija. Il-kriżi ekonomika żżid il-pessjoni biex jiġu modernizzati s-servizzi pubbliċi, li tiġi enfasizzata mill-ħtieġa li jiġu kkonsolidati l-finanzi pubbliċi u li jitnaqqsu d-djun. Għalhekk, is-suċċess ta' miżuri ta' politika fis-settur pubbliku se jkun kruċjali għall-kapaċità li l-Ewropa għandha bżonn biex toħroġ mill-kriżi b'mod permanenti. Il-gvernijiet u l-imsieħba soċjali jridu jagħmlu għażliet importanti fir-rigward tal-proċess ta' modernizzazzjoni u bidla strutturali fis-servizzi pubbliċi. Għal din ir-raġuni, l-edizzjoni li jmiss tar-rapport dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa se tħares lejn ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku f'aktar dettall.

Għall-ġejjieni prevedibbli, l-imsieħba soċjali għandhom rwol essenzjali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-Ewropa għandha tagħmel użu sħiħ, u fil-livelli kollha, tal-potenzjal li għandu d-djalogo soċjali biex isolvi l-problemi jekk trid li jirnexxilha tilħaq l-għanijiet tagħha. Il-kriżi wriet li s-sistema Ewropea tar-relazzjonijiet industrijali, fid-diversità kollha tagħha u fil-livelli kollha (ta' kumpanniji, settorjali, inter-industrijali, nazzjonali, Ewropew), hija kruċjali għas-suċċess u l-istabbiltà tal-mudell soċjali Ewropew u se tkompli tkun ta' importanza waqt li l-Unjoni Ewropea toħroġ mill-kriżi u tidħol f'perjodu ġdid ta' tkabbir.

L-istruttura tar-rapport

Ir-rapport fih seba' kapitoli. L-ewwel kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi ewlenin tal-istituzzjonijiet ta' relazzjonijiet industrijali. Dan jirrapporta dwar l-organizzazzjoni tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, in-negozjar kollettiv, l-azzjoni industrijali u l-involvement tal-Istat fir-relazzjonijiet industrijali, permezz ta' reviżjonijiet ta' varjazzjonijiet u tendenzi sa mill-bidu tas-seklu.

Il-tieni u t-tielet kapitoli janalizzaw l-iżviluppi fid-djalogo soċjali fid-dawl tal-kriżi ekonomika. It-tieni kapitolu joħloq l-isfond billi jiddeskrivi l-parametri ekonomiċi prinċipali tar-reċessjoni u d-dibattiti ta' politika fost l-imsieħba soċjali fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE. Dan

jeżamina l-opinjoni tal-imsieħba soċjali dwar il-kriżi flimkien mal-analizzijiet differenti tagħhom dwar in-natura tagħha u l-istrateġiji ta' ħruġ, u juri fejn żviluppa kunsens u fejn minflok kien predominanti n-nuqqas ta' qbil. It-tielet kapitolu jippreżenta l-azzjonijiet konkreti li sar ftehim dwarhom mill-imsieħba soċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fil-kapitolu preċedenti, kif ukoll l-innovazzjonijiet fil-proċedura u r-riżultat tagħhom. F'ċerti każijiet, l-imblukkar persistenti u n-nuqqas ta' qbil iddominaw ix-xena minflok il-kunsens. L-analiżi tiffoka kemm fuq id-dimensjoni trans-industrijali kif ukoll fuq żviluppi fil-livell settorjali u tal-intrapriżi.

Ir-raba' kapitolu jitratta n-negozjar ta' pagi u ta' salarji minimi fl-Istati Membri, b'attenzjoni partikolari fuq id-deċentralizzazzjoni kontinwa ta' negozjar kollettiv u l-użu li dejjem qed jiżdied ta' flessibilità tal-pagi fil-forma ta' sistemi ta' ħlas varjabbli. Il-ħames kapitolu jesplora l-effett li t-tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju se jkollha fuq sistemi ta' relazzjonijiet industrijali u l-punt sa fejn is-suġġett diġà huwa preżenti fuq l-aġenda tal-imsieħba soċjali. Il-kapitolu juri wkoll kif l-imsieħba soċjali stess jikkontribwixxu għal iżjed attenzjoni ambjentali meħtieġa fl-ekonomija u r-ristrutturar korrispondenti.

L-aħħar żewġ kapitoli tar-rapport jagħtu ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fil-livell Ewropew. Is-sitt kapitolu jagħti deskrizzjoni tal-attivitajiet fil-livell Ewropej ta' djalogo soċjali, li ħafna minnhom qed jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi b'mod attiv. Dan jagħti rapport dwar id-diversi strumenti li jintużaw fid-djalogo soċjali Ewropew, minn ftehim vinkolanti sa linji gwida, li jgħinu biex isir titjib reali fil-ħajja ta' kuljum tal-biċċa l-kbira tal-ħaddiema u tal-kumpanniji fl-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar nett, is-seba' kapitolu jiddeskrivi l-iżviluppi leġiżlattivi relatati mal-impjiegi fl-UE, billi jiffoka fuq il-liġi tax-xogħol, il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà u d-drittijiet tal-ugwaljanza fl-impjiegi.

L-Ewwel Kapitolu: Tendenzi fir-relazzjonijiet industrijali Ewropej

It-tendenzi preċedenti lejn it-tnaqqis fid-densità tal-unjonijiet, id-deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv u parteċipazzjoni akbar tal-ħaddiema komplew, u l-livell tal-intrapriżi sar aktar prominenti. Il-kontinwità tista' tiġi individwata fl-oġġla livelli ta' organizzazzjoni ta' min iħaddem, fil-kopertura tan-negozjar, u rwol ftit inqas evidenti għall-gvern fir-relazzjonijiet industrijali.

Il-panorama tas-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali fl-UE hija waħda ta' diversità. L-organizzazzjoni tal-imsieħba soċjali, in-negozjar kollettiv dwar pagi u kundizzjonijiet primarji tax-xogħol, kif ukoll l-azzjoni industrijali, għadhom varjati. Biss fejn hemm lok għal azzjoni mill-UE — bħal fir-rigward tar-rappreżentanza tal-impjegati fi ħdan l-intrapriża — tinsab evidenza dwar tendenza lejn il-konverġenza.

Is-setgħa u l-preżenza ta' trejtdjunjins huma ddeterminati minn diversi fatturi. Il-livell ta' sħubija huwa fattur determinanti importanti tas-setgħa tat-trejtdjunjins, filwaqt li l-istruttura tas-sħubija tinfluwenza l-punt sa fejn it-trejtdjunjins jistgħu jsostnu b'mod leġittimu li jirappreżentaw lill-ħaddiema jew anke lil min jinsab barra mis-suq tax-xogħol. Fatturi oħrajn huma l-appoġġ mogħti mill-qafas legali lit-trejtdjunjins; l-għaqda u l-kooperazzjoni ġewwa u barra l-moviment tat-trejtdjunjins; ir-relazzjoni ma' atturi oħra; it-tmexxija, l-organizzazzjoni interna u l-parteċipazzjoni fis-sħubija; sistema ta' valuri koerenti; u l-pożizzjoni tat-trejtdjunjins u tal-mexxejja tagħhom f'għajnejn il-pubbliku.

Fil-livell Ewropew, it-trejtdjunjins juru livell għoli ta' għaqda. Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trejtdjunjins (ETUC) tgħaqqad flimkien 64 konfederazzjoni nazzjonali. L-ETUC hija rappreżentata f'kull pajjiż tal-UE-27 u s-sehem tagħha fis-suq, fil-livell Ewropew, huwa qrib it-88 %.

B'mod ġenerali, is-sħubija fit-trejtdjunjins kompliet tonqos iżda jeżistu varjazzjonijiet kbar bejn il-pajjiżi. Il-proporzjon ta' membri ta' trejtdjunjins fost il-ħaddiema kollha tal-UE-27 niżlet minn 27.8 % fl-2000 għal 23.4 % fl-2008. Dan ifisser li t-trejtdjunjins tilfu aktar minn tliet miljun membru. Dan huwa r-riżultat ta' rati aktar baxxi u li qed jonqsu fis-sħubija fi trejtdjunjins fost iż-żgħażaġh, u tad-diffikultajiet li jeżistu fil-qasam tar-reklutaġġ u biex jinżammu membri fis-settur tas-servizzi, f'intrapriżi żgħar, u fost dawk b'kuntratti ta' xogħol flessibbli u b'kuntratti għal perjodu ta' żmien fiss. Bħala konsegwenza ta' dan, it-trejtdjunjins qed ibatu mill-effetti tat-tixjiħ u qed isiru dejjem aktar dipendenti fuq is-settur pubbliku. It-telf ta' impjiegi mħabbar fis-settur pubbliku għalhekk huwa ta' theddida għat-trejtdjunjins, għaliex dan huwa l-qasam fejn għandhom l-oġġla numru ta' sħubiji, kważi fil-pajjiżi kollha. Fi ħdan din it-tendenza ġenerali, għad hemm differenzi enormi bejn il-pajjiżi. Fl-2008, id-densità tat-trejtdjunjins varjat bejn 68.8 % fl-Isvezja u 7.6 % fl-Estonja. It-trejtdjunjins fil-Litwanja, l-Estonja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja kellhom l-akbar tnaqqis fil-perċentwali ta'

sħubija mill-2000, filwaqt li s-sħubija fit-trejtdjunjins żdiedet fi Spanja, f'Ċipru, fil-Greċja, fil-Belġju u fl-Italja. Madankollu, huwa biss fil-Belġju li ma kien hemm l-ebda tnaqqis fis-sehem ta' membri ta' trejtdjunjins fost il-ħaddiema kollha.

Għal assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, il-kwistjonijiet ewlenin huma d-dixxiplina u l-koeżjoni aktar milli s-sħubija. Hemm aktar konfederazzjonijiet nazzjonali ta' min iħaddem milli konfederazzjonijiet nazzjonali tat-trejtdjunjins fl-UE. Fil-livelli settorjali, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem huma aktar differenzjati u numerużi mit-trejtdjunjins. In-negozjar kollettiv ta' spiss mhuwiex ir-rwol prinċipali tagħhom, kif darba kien. Is-servizzi u l-ħolqien ta' pressjoni saru ħafna aktar prominenti. Iċ-ċentralizzazzjoni organizzativa ta' min iħaddem hija aktar baxxa miċ-ċentralizzazzjoni tat-trejtdjunjins fl-Istati Membri kollha bħala riżultat kemm tal-awtorità ta' livell aktar baxx kif ukoll tal-frammentazzjoni akbar tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.

Min iħaddem huwa rappreżentat minn tliet organizzazzjonijiet fil-livell Ewropew. BusinessEurope hija l-organizzazzjoni ġenerali għal negozji fis-setturi kollha tal-ekonomija privata. L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Artiġjanat, tal-Intrapriżi Żgħar u Medji (UEAPME) tirrappreżenta l-impriżi żgħar u ta' daqs medju fl-Ewropa. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Intrapriżi b'Parteċipazzjoni Pubblika u ta' Intrapriżi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (CEEP, Centre européen des entreprises publiques) jirrappreżenta l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet b'parteċipazzjoni pubblika jew li jwettqu attivitajiet ta' interess ekonomiku ġenerali.

Fil-livell settorjali, hemm aktar diversità fost l-organizzazzjonijiet Ewropej ta' min iħaddem. Madankollu, huma biss parti żgħira minn dawn li huma tassew organizzazzjonijiet ta' min iħaddem. Dawn l-organizzazzjonijiet jin-sabu l-aktar f'dawk is-setturi fejn żviluppa djalogu soċjali settorjali (ara l-Kapitolu 6).

Id-densità tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem hija aktar mid-doppju ta' dik tat-trejtdjunjins, iżda filwaqt li l-livell tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem fl-UE tidher stabbli u għolja, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem jiffaċċjaw sfidi ppreżentati minn bidliet fl-ambjent tagħhom, bħal pereżempju għaqdiet nazzjonali u trans-nazzjonali ta' kumpanniji, enfasi akbar fuq negozjar tal-intrapriżi milli fuq negozjar settorjali, u pressjoni għal effettività akbar fir-rappreżentanza globali u Ewropea.

Ir-rwol, il-kopertura u l-effettività tan-negozjar kollettiv ivarjaw ħafna fost l-Istati Membri tal-UE. Maġġoranza

kbira ta' żewġ terzi tal-impjegati Ewropej hija koperta minn ftehim kollettiv, iżda d-deċentralizzazzjoni tal-iffissar ta' pagi reali kompliet, u l-ftehim settorjali qed jiġi emendat dejjem aktar minn ftehim u arranġamenti fuq il-livell tal-intrapriżi.

Kif ġie indikat fir-rapport 2008 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa, hija r-rata tal-organizzazzjoni ta' min iħaddem u mhux ir-rata tas-sħubija fi trejtdjunjins li tiddetermina l-kopertura ta' negozjar kollettiv. Kopertura għolja ta' negozjar kollettiv isseħħ bħala parti minn negozjar b'ħafna entitajiet li jħaddmu, u teħtieġ l-eżistenza ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem b'mandat biex jinnezzjaw ftehim mar-rappreżentanti ta' impjegati.

Ir-rappreżentanza statutorja tal-impjegati fil-livell tal-intrapriżi hija fattur ewlieni ta' sistemi ta' relazzjonijiet industrijali Ewropej. Id-dispożizzjonijiet legali huma bbażati fuq id-Direttiva 2002/14/KE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni. Hija evidenti l-preżenza ta' grad ta' konverġenza lejn firxa akbar ta' drittijiet, iżda hemm tħassib li għaqdiet transkonfinali u teħid ta' riskji finanzjarji akbar, naqqsu s-setgħa ta' kunsilli tax-xogħol u ta' korpi ta' rappreżentanza tal-impjegati.

L-Istat huwa involut fir-relazzjonijiet industrijali f'diversi modi. L-Istat jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet rigward il-pagi, is-siġhat u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-interventi tal-gvern huma assoċjati ma' pagi minimi statutorji, l-estensjoni ta' ftehim kollettiv u n-negozjar ta' patti ma' imsieħba soċjali. L-interventi diretti tal-gvern għandhom tendenza li jkunu sostituti ta' koordinazzjoni mill-imsieħba soċjali nfushom.

It-Tieni Kapitolu: Il-kriżi: sfidi u perspettivi tal-imsieħba soċjali

Il-kriżi ekonomika kienet sfida bla preċedent għas-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali Ewropej. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja ppreżentat lill-atturi u lill-istituzzjonijiet ta' relazzjonijiet industrijali madwar l-UE bi sfidi diffiċli. Fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk, l-aġħar kriżi minn mindu seħħet it-tranżizzjoni għal ekonomija tas-suq 20 sena ilu wriet, li kienet prova iebesha għall-istituzzjonijiet ta' relazzjonijiet industrijali li ilhom stabbiliti minn dak iż-żmien.

Filwaqt li l-qawwa u l-ħin tar-reċessjoni kienu differenti bejn l-Istati Membri, il-PDG tal-UE naqas b'aktar minn 5 % bejn l-ewwel nofs tal-2008 u l-ewwel sitt xhur tal-2009. It-tkabbir reġa' beda biss fil-bidu tal-2010. Il-gravità tal-kriżi kienet differenti minn pajjiż għall-ieħor u varjat

minn tnaqqis ta' 15 % fil-PDG tal-istati Baltiċi għal tkabbir żgħir fil-Polonja. Il-bidu tar-reċessjoni u ż-żmien ta' meta beda jseħħ mill-ġdid it-tkabbir ekonomiku, ukoll kien differenti minn Stat Membru għall-ieħor.

F'ħafna mill-pajjiżi, il-konsum privat naqas għal inqas mill-PDG, bir-riżultat li l-kapaċità għall-akkwist kienet fattur importanti fis-sostenn tal-attività ekonomika. It-tendenza fil-konsum kienet tirrifletti l-iżviluppi fil-pagi sal-aħħar tal-2009, bi tkabbir reali fil-pagi ta' 1.4 % fl-UE fl-2009. Kuntrarjament għal din it-tendenza, il-pagi naqsu, xi kultant drastikament, fl-istati Baltiċi, fl-Irlanda, fil-Greċja u fl-Ungerija, u prattikament staġnaw fil-Ġermanja, fi Franza, fl-Isvezja u fir-Renju Unit.

It-tkabbir fl-ispejjeż nominali tax-xogħol fl-UE kien aktar baxx fl-2009 milli fl-2008, iżda kien oġġha mit-tkabbir f'salarji nominali b'1.5 darba. Il-produttività naqset b'2.5 % madwar l-UE fl-2009, u l-ispejjeż għal kull unità ta' xogħol żdiedu b'3.0 % f'termini reali fl-2009. Il-kriżi kellha effett drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri.

Madwar l-UE, id-djun pubbliċi żdiedu minn 2.3 % tal-PDG fl-2008 għal 6.8 % fl-2009; fi 11-il Stat Membru, id-djun żdiedu b'aktar minn 5 % tal-PDG.

B'mod ġenerali, il-konsegwenzi tal-kriżi fl-UE fuq l-impjegi ma kinux gravi daqs kemm seta' kien mistenni. L-impjegi fl-UE naqsu b'2.5 % bejn it-tieni kwarti tal-2008 u l-2010, inqas minn nofs tat-tnaqqis fil-PDG. Il-qgħad żdied u laħaq figura rekord ta' 9.6 % f'kull wieħed mill-ewwel tliet kwarti tal-2010. Sa punt sinifikanti, ir-reċessjoni ġiet trattata permezz tal-flessibilità interna tal-kumpanniji, permezz ta' tnaqqis fis-siġhat maħduma minflok permezz ta' sensji. L-iskemi ta' ħinijiet tax-xogħol imnaqqsa u aġġustamenti oħra li sar qbil dwarhom b'mod kollettiv, kellhom rwol konsiderevoli fil-ksib ta' dan ir-riżultat (ara l-Kapitolu 3).

Il-kobor u l-ħin tat-tnaqqis tal-impjegi varjaw minn pajjiż għall-ieħor. L-istati Baltiċi, l-Irlanda u Spanja ntlaqtu ħażin, bi tnaqqis fl-impjegi li kien jirrifletti jew jaqbeż it-tnaqqis fil-PDG. Il-ħaddiema impjegati fuq kuntratti temporanji kienu aktar esposti għal telf ta' impjegi minn dawk impjegati fuq kuntratti miftuħa jew permanenti.

L-eżiti differenti fl-iżviluppi ekonomiċi u f'dawk relatati mal-impjegi jistgħu jiġu attribwiti lil żewġ fatturi ewlenin. L-ekonomiji għaddew minn tipi differenti ta' reċessjonijiet, jew li joriġinaw fil-qasam tal-kostruzzjoni u tas-settur tal-proprietà immobbli, li kkawżaw telf immedjat ta' impjegi,

jew li ġew ikkawżati minn kollass fil-kunfidenza tan-negozju u l-kummerċ, li affettwa prinċipalment il-manifattura. Ir-reazzjonijiet tal-imsieħba soċjali u tal-awtoritajiet pubbliċi għall-kriżi kienu differenti u jistgħu jservu biex jispjegaw ir-riżultati (ara l-Kapitolu 3).

Kien hemm differenzi settorjali importanti fl-impatt tar-reċessjoni. Is-settur tal-industrija ġie milqut l-aktar, minkejja li t-tnaqqis fis-siġhat maħduma kkumpensa parzjalment għat-tnaqqis fl-attività, bir-riżultat li t-tnaqqis fl-impjegji fil-qasam tal-manifattura kien, b'mod konsiderevoli, iżgħar mit-tnaqqis fil-produzzjoni. Waqt l-aġar parti tal-kriżi, is-servizzi pubbliċi kkontribwixxew biex jappoġġjaw l-attività ekonomika, iżda miżuri ta' awsterità baġitarji x'aktarx li se jwaqqfu għal kolloxx dan ir-rwol għas-settur pubbliku.

L-imsieħba soċjali qablu, sa mill-bidu, dwar il-ħtieġa għal miżuri ta' stimolu pubbliku, għalkemm b'differenzi fl-enfasi. L-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem taw prijorità biex jiġi żgurat aċċess għall-kreditu għall-kumpanniji, miżuri biex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xoġhol u tnaqqis fit-tas-sazzjoni. It-trejdjunjins ħeġġew stimolu fiskali akbar, kif ukoll miżuri biex tiġi appoġġjata l-kapaċità għall-akkwist u biex tingħata spinta lill-investment pubbliku.

Il-grad ta' kunsens u ta' nuqqas ta' qbil bejn l-imsieħba soċjali varja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Il-kunsens kien dominanti fi 12-il pajjiż. Fost dawn hemm l-Istati Membri UE-15 b'istituzzjonijiet bi djalogu soċjali b'saħħtu. F'oħrajn, il-kunsens dwar il-politika ddomina wkoll mill-inqas b'mod parzjali, u ġew mobilizzati strutturi bejn tliet partijiet u/jew twaqqfu pjattaformi konġunti bejn l-imsieħba soċjali. In-nuqqas ta' qbil kien prevalenti fi 11-il pajjiż. La l-gravità tal-kriżi u lanqas id-differenzi fis-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali ma jistgħu jispjegaw id-dominanza tal-kunsens jew tan-nuqqas ta' qbil. Dawn jinkludu l-Istati Membri b'istituzzjonijiet ta' djalogu soċjali relattivament dgħajfa, iżda wkoll pajjiżi b'sistemi ta' relazzjonijiet industrijali tradizzjonalment aktar b'saħħithom. Fil-kuntest ta' effetti istituzzjonali, il-linji ta' xebħ u ta' differenza bejn il-pajjiżi għalhekk jilħqu lil hinn mid-distinzjoni bejn Stati Membri "ġodda" u "qodma".

It-Tielet Kapitolu: Kif ġiet trattata l-kriżi: reazzjonijiet tal-imsieħba soċjali

Permezz tal-proċessi tad-djalogu soċjali, min iħaddem u t-trejdjunjins kellhom rwol prominenti fil-ġlieda kontra

l-impatt tal-kriżi. Madankollu, hemm varjazzjonijiet konsiderevoli bejn pajjiżi u setturi differenti. Jidher li d-differenzi fis-sitwazzjoni ekonomika influwenzaw il-mudell tat-tweġibiet innegozjati aktar f'livelli settorjali milli bejn il-pajjiżi. L-influwenza ta' istituzzjonijiet ta' relazzjonijiet industrijali hija sinifikanti, kif inhi wkoll il-politika pubblika u l-punt sa fejn l-imsieħba soċjali huma involuti fiha. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-imsieħba soċjali transindustrijali ppruvaw jilħqu ftehim dwar miżuri biex tiġi indirizzata l-kriżi. Saru sforzi espliċiti biex jiġi nnegozjat ftehim bilaterali jew trilaterali nazzjonali, maħsub biex jindirizzaw il-kriżi f'16-il Stat Membru. Filwaqt li wħud minnhom iffukaw prinċipalment fuq kwistjonijiet relatati mal-impjegji bħal pereżempju l-ħinijiet tax-xoġhol imnaqqsa u l-moderazzjoni tal-pagi, oħrajn ittrattaw firxa aktar wiesgħa ta' miżuri.

Il-qawwa tal-kriżi fl-Istati Membri ma ddeterminatx jekk it-tentattivi ta' negozjar kinux ta' suċċess, iżda l-politika pubblika kellha rwol importanti. Sistemi ta' protezzjoni soċjali eżistenti u politika ta' inklużjoni attiva pprovdew bażi ta' appoġġ waqt il-kriżi, li fuqhom setgħu jinbnew soluzzjonijiet imfassla mill-imsieħba soċjali. Apparti r-rwol evidenti tal-gvernijiet fil-konklużjoni ta' ftehim bejn tliet partijiet, dawn ta' spiss kellhom rwol importanti fl-appoġġjar ta' ftehim bilaterali.

Ftehim ta' reazzjoni għall-kriżijiet fil-livell settorjali kienu influwenzati minn prattiki tradizzjonali u l-ftehim fil-livell tal-intrapriżi kien aktar komuni. In-negozjati fil-livell settorjali huma limitati għal grupp ta' pajjiżi b'arranġamenti stabbiliti ta' negozjar b'ħafna entitajiet li jħaddmu. Dawn iseħħu wkoll prinċipalment fost setturi tal-manifattura, b'relattivament ftit evidenza ta' negozjati fis-setturi privati tas-servizzi. F'livell tal-intrapriżi, il-ftehim li jindirizza l-konsegwenzi tal-kriżi huma mifruxa fuq firxa aktar wiesgħa ta' pajjiżi.

Filwaqt li l-pagi reali żdiedu b'mod konsiderevoli fl-2009, il-qligħ medju żdied ħafna aktar bil-mod. F'ħafna Stati Membri, il-kriżi naqqset il-pagi medji miftiehma fl-2009, iżda ftit li xejn għamlet dan sa livell għoli ħafna. L-inflazzjoni mnaqqsa fissret żidiet oġhla fil-pagi reali. Iżda l-effetti nħassu aktar fil-fond fil-qligħ reali milli fir-rati bażiċi tal-pagi stabbiliti permezz ta' ftehim kollettiv, minħabba ħinijiet tax-xoġhol imnaqqsa u/jew tnaqqis fl-elementi ta' remunerazzjoni.

Fis-settur tal-manifattura ġew introdotti miżuri kemm fi ftehim speċifiku għas-settur maħsuba biex jittrattaw l-effetti tar-reċessjoni fuq l-impjegji kif ukoll bħala parti minn ftehim "komuni" li jittratta l-pagi u l-kundizzjonijiet

tal-impjeg. It-tema prinċipali kienet il-ħin tax-xogħol imqassar, iżda ġew osservati wkoll reazzjonijiet innovattivi oħra bħall-“kiri tal-impjegati”. Bosta ftehim kien jittratta b'mod esklussiv, jew parzjalment, il-ħin tax-xogħol imqassar. Oħrajn kienu jinvolvu “negożjar ta' konċessjonijiet”, b'kompromessi bejn xi tip ta' garanzija ta' impjeg bi tpat-tija għall-flessibilità tal-impjegat f'dak li huma pagi u kundizzjonijiet.

Il-ftehim fil-livell tal-intrapriżi fis-settur tas-servizzi ffoka fuq konċessjonijiet dwar il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li l-ħin tax-xogħol imqassar f'it li xejn kien preżenti. Il-ftehim ikkonċentra fuq is-setturi tal-avjazzjoni ċivili, tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet. Aktar minn terz tal-ftehim kien jittratta programmi ta' tnaqqis tal-ispejjeż tal-kumpanniji u pprova għal firxa ta' saġrifċi mill-ħaddiema mingħajr ma ngħataw lura bħala kumpens garanziji ta' impjeg. Nofs il-ftehim li fadal ipprova wkoll għal tnaqqis jew twaqqif ta' pagi, iżda tpattew b'garanziji fir-rigward tal-impjeg.

L-għażliet strateġiċi partikolari tal-imsieħba soċjali jiġġustifikaw ħafna mill-varjazzjoni osservata minn pajjiż għall-ieħor. Dan huwa evidenti fil-każijiet ta' dawk l-Istati Membri l-ġodda li fihom kien għadu ma ġiex konkluż il-ftehim u f'dawk il-pajjiżi UE-15 li fihom il-ftehim ma ġiex konkluż minkejja li teżisti l-kapaċità istituzzjonali biex dan isir.

Il-mudell ta' ftehim fil-livell settorjali u tal-intrapriżi jissuġġerixxi li l-istrateġiji tal-imsieħba soċjali ġew iffurmati minn arranġamenti istituzzjonali għal relazzjonijiet industrijali kif ukoll minn interventi ta' politika pubblika fil-forma ta' skemi statutorji ta' ħinijiet tax-xogħol imqassra.

F'diversi Stati Membri, il-kriżi wasslet biex għall-ewwel darba jsir ftehim bejn l-imsieħba soċjali fil-livell trans-industrijali. Sa fejn il-kriżi pprovokat reazzjonijiet innegożjati jew miftiehma, fejn il-gvernijiet jew min iħaddem setgħu ħadu azzjoni waħedhom, waħda mill-kwistjonijiet hija dik tas-sostenibilità ta' ftehim bħal dan, b'mod partikolari f'diversi pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li fihom s'issa kienu għadhom mhux magħrufa. Bħalissa ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-partijiet jipprevedu aktar negożjati jew ftehim, iżda dawn il-partijiet lanqas ma jistgħu jibdlu l-proċess li tgħallmu. Karatteristika prominenti tal-livell settorjali hija d-disposizzjonijiet li jtejbju l-kompetenza għall-iffissar tal-pagi fil-livell tal-intrapriżi. Il-kriżi b'hekk tista' turi li komplet tħaffef it-tendenza lejn id-deċentralizzazzjoni, li issa ilha stabbilita għal żmien twil.

Ir-Raba' Kapitolu: Il-flessibilità tal-pagi u l-paga minima

Il-flessibilità tal-pagi kienet element ta' diskussjoni importanti waqt il-kriżi ekonomika. Il-grad tal-flessibilità tal-pagi tiddependi ħafna fuq fatturi bħal-livell u l-kopertura ta' negożjar kollettiv, ir-relazzjonijiet ta' poter bejn it-trejdjunjins u min iħaddem, l-użu ta' sistemi bbażati fuq il-ħlas skont ir-rendiment u l-paga minima. Hija tirreferi għall-punt sa fejn il-pagi jirrispondu għall-forzi tas-suq. Dan id-dibattitu dwar il-flessibilità tal-pagi ngħata aktar importanza waqt il-kriżi ekonomika.

Il-grad ta' ċentralizzazzjoni ta' negożjar tal-pagi jvarja ħafna minn Stat Membru għall-ieħor. F'ħafna pajjiżi, it-tendenza reċenti lejn deċentralizzazzjoni ta' arranġamenti għall-iffissar tal-pagi u lejn in-negożjar minn entitajiet ta' min iħaddem magħmula minn intrapriżi u individwi, diedet waqt il-kriżi ekonomika. B'mod ġenerali, in-negożjar huwa aktar ċentralizzat fis-settur pubbliku milli f'dak privat. In-negożjar aktar ċentralizzat iwassal għal pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol aktar ugwali. Barra minn hekk, il-perċentwal ta' impjegati koperti minn ftehim kollettiv li ġie nnegożjat f'pajjiżi b'negożjar aktar ċentralizzat, huwa nettament ogħla milli f'pajjiżi fejn in-negożjar fuq il-livell tal-intrapriżi huwa dominanti.

Sistemi ta' pagi varjabbli qed jintużaw dejjem aktar biex jiġu pprovduti elementi addizzjonali ta' flessibilità tal-pagi. Aktar min-nofs tal-ħaddiema fl-UE għandhom xi forma ta' sistema ta' paga varjabbli (VPS), iffaċilitata mid-deċentralizzazzjoni tan-negożjar tal-pagi. Filwaqt li min iħaddem ġeneralment huwa pożittiv dwar il-VPS, l-atteġġjament tat-trejdjunjins huwa differenti. Hemm trejdjunjins li jarawha bħala mod biex il-ħaddiema jingħataw sehem fil-prestazzjoni tal-kumpannija, filwaqt li oħrajn jibżgħu li din tista' toħloq inugwaljanza ikbar fil-pagi u ddgħajfef il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali.

Il-pagi baxxi jaffettwaw wieħed minn kull 10 ħaddiema fl-UE u, b'mod ġenerali, il-paga baxxa hija problema akbar fil-pajjiżi bi strutturi ta' negożjar aktar deċentralizzati u b'kopertura ta' negożjar kollettiv baxx.

F'ħafna pajjiżi, il-paga minima legali kellha biss impatt limitat fuq l-incidanza ta' pagi baxxi. 20 Stat Membru għandu paga minima legali. Filwaqt li l-livell ivarja ħafna minn pajjiż għall-ieħor, id-differenza bejn l-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u l-UE-15 naqset bi f'it tul dawn l-aħħar f'it snin. Madankollu, is-seba' pajjiżi bl-ogħla incidanza ta' pagi baxxi kollha għandhom pagi minimi legali. Barra minn hekk, f'aktar minn nofs tal-

pajjiżi, il-paga minima naqset fil-valur meta mqabbla mal-paga medja matul l-aħħar 10 snin.

F'dawk il-pajjiżi li m'għandhomx paga minima legali, il-livell tal-pagi jiġi stabbilit permezz ta' negozjar kollettiv. Fil-maġġoranza ta' dawn il-pajjiżi, il-pagi baxxi mhumiex problema estensiva ħafna. L-eċċezzjoni prinċipali hija l-Ġermanja, fejn l-inċidenza ta' pagi baxxi hija oġhla mill-medja tal-UE, għalkemm il-gvern jista' jiffissa paga minima li jsir qbil dwarha b'mod kollettiv għal settur sħiħ, u pagi minimi legali bħal dawn issa jeżistu f'għadd ta' setturi.

Il-Ħames Kapitolu: Ir-relazzjonijiet industrijali u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju

Il-bidla fil-klima hija waħda mill-ikbar theddidiet li qed tiffaċċja l-pjaneta. Aktar u aktar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju għet rikonnoxxuta bħala neċessità li tinvolvi spejjeż u opportunitajiet soċjali u ekonomiċi.

Id-djalogu soċjali jista' jgħin biex jinħoloq kunsens għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'karbonju baxx u jikkontribwixxi għal tranżizzjoni mmexxija tajjeb u soċjalment ġusta. L-imsieħba soċjali jistgħu jiffaċilitaw l-innovazzjoni u jinneogzjaw soluzzjonijiet għall-bidla, li huma ta' benefiċċju għall-ħaddiema u n-negozji.

L-Unjoni Ewropea hija impenjata lejn azzjoni lokali u globali biex it-tibdil fil-klima jiġi kkontrollat. Kull Stat Membru daħħal ukoll fis-seħħ it-taħlita domestika ta' politika tiegħu. Dawn l-isforzi ġew aċċellerati permezz tal-adozzjoni tal-pakkett Ewropew tal-bidla fil-klima fl-2008. Ewropa 2020 jikkonferma dawn l-impenji u jipprovdni sett integrat ta' politika biex jintlaħaq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Mhux biss l-impjegi ekoloġiċi ġodda, iżda fuq kollox l-iżvilupp ekoloġiku tal-ekonomija kollha se jkun jinvolvi bidla strutturali. Din il-bidla se jkollha impatt żgħir iżda kemmxejn pożittiv fuq il-livell globali tal-impjegi, għalkemm b'effetti differenti tul setturi, tipi ta' ħiliet u reġjuni varji. L-antiċipazzjoni ta' ħtiġijiet futuri, sistemi ta' taġħlim tul il-ħajja li jiksbu riżultati, u proċessi ta' ristrutturar ġestiti b'mod xieraq, huma importanti.

L-ekonomija bbażata fuq livelli ta' karbonju baxx sabet post fl-aġenda tad-djalogu soċjali, iżda għadha ta' importanza

sekondarja. L-involvement tal-imsieħba soċjali fl-ekonomija bbażata fuq livelli ta' karbonju baxx tvarja minn pajjiż għall-ieħor skont l-organizzazzjoni tar-relazzjonijiet industrijali u l-għadd ta' snin li l-bidla fil-klima ilha ta' interess għall-awtoritajiet pubbliċi, għall-imsieħba soċjali u għall-pubbliku.

L-imsieħba soċjali jieħdu azzjoni l-aktar billi jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika, inkluż il-proposti tal-politika tagħhom stess. Korpi ta' djalogu soċjali standard bejn tliet partijiet kważi qatt ma jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-karbonju baxx b'mod sistematiku. Iżda, f'ħafna Stati Membri, l-imsieħba soċjali jipparteċipaw f'korpi konsultattivi, bħal pereżempju kunsilli għall-iżvilupp sostenibbli, flimkien ma' partijiet interessati oħra. Uħud minnhom jindirizzaw b'mod dirett il-konsegwenzi ta' ġejjieni kkaratterizzati minn karbonju baxx fuq l-impjegi.

In-negozjar kollettiv kważi qatt ma jindirizza kwistjonijiet relatati mal-ekonomija ta' karbonju baxx. Iżda jidher li d-djalogu soċjali fil-livell tal-intrapriżi dwar kwistjonijiet relatati mal-ambjent u l-enerġija qed jiżviluppa b'mod gradwali. F'dan ir-rigward, uħud mir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom drittijiet dwar informazzjoni, konsultazzjoni u, kultant, dwar negozjati.

Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' politika u prattiki dwar il-karbonju baxx. F'bosta Stati Membri, din il-kontribuzzjoni diretta sseħħ permezz ta' taħriġ u konsulenza, kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza u permezz ta' riċerka u innovazzjoni, ħafna drabi b'kooperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi.

It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju qed tiġi "diretta" lejn l-isfera ta' kompetenza tal-imsieħba soċjali, b'mod partikolari lejn il-politika għar-ristrutturar u l-ħiliet. L-istat huwa l-attur prinċipali fit-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u timmobilizza l-istrumenti regolatorji, tas-suq u finanzjarji. Huwa fil-ġestjoni tal-implikazzjonijiet tal-impjegi li l-imsieħba soċjali għandhom kompetenza diretta.

Fil-livell UE, hemm impenn evidenti mill-imsieħba soċjali favur djalogu dwar l-implikazzjonijiet ekonomiċi u li jirrigwardaw l-impjegi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

L-imsieħba soċjali Ewropej jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika u bdew jesploraw il-konsegwenzi fir-rigward tal-impjegi u tal-aħjar prattiki relatati. L-imsieħba soċjali Ewropej transindustrijali esprimew interess qawwi fil-politika tal-bidla relatati mal-bidla fil-klima u dan l-aħħar

ħadu pożizzjoni fir-rigward tal-implikazzjonijiet tagħhom fuq l-impjeggi. L-ETUC hija favur “tranżizzjoni ġusta” bbażata fuq djalogu soċjali bejn tliet partijiet, impjeggi ekoloġiċi u deċenti, l-investiment, il-ħiliet ekoloġiċi, b'enfasi fuq l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla, u d-drittijiet estiżi dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent fuq ix-xogħol. BusinessEurope hija favur swieq tax-xogħol aktar flessibbli akkumpanjati minn servizzi pubbliċi ta' impjegar effiċjenti, politika attiva tas-suq tax-xogħol u taħriġ. L-antiċipazzjoni ta' ħtiġijiet futuri għandha tiġi mtejba, u għandhom jiġu promossi l-ħiliet fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika. Is-CEEP u l-UEAPME jiffokaw aktar fuq l-oqsma tal-enerġija (effiċjenza) u t-trasport, u kkontribwew ukoll għad-dibattitu dwar l-impjeggi u l-ħiliet fl-ekonomija ta' karbonju baxx. L-imsieħba soċjali Ewropej f'sitt setturi — li jinkludu l-gass u l-elettriku, l-injam, u l-industrija tal-estrazzjoni — adottaw opinjonijiet konġunti sabiex jiġbdu l-attenzjoni lejn it-tfassib speċifiku li jikkonċerna lis-setturi tagħhom.

Fid-djalogu awtonomu bilaterali tagħhom, l-imsieħba soċjali Ewropej bdew ukoll jistudjaw il-konsegwenzi tat-tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, kif ukoll l-aħjar prattiki relatati. L-ETUC, BusinessEurope, is-CEEP u l-UEAPME niedew riċerka konġunta dwar id-dimensjoni tal-impjeggi fil-kuntest tal-politika relatata mal-bidla fil-klima, u beħsiebhom jiżviluppaw opinjoni komuni dwar dan is-suġġett sabiex jivvalutaw l-irwol tal-imsieħba soċjali u sabiex jifasslu konklużjonijiet dwar il-konsegwenzi għall-impjeggi u l-ħiliet. L-imsieħba soċjali Ewropej fi tmien setturi (pereżempju dak tal-enerġija elettrika) niedew attivitajiet simili.

Uħud mill-ftehim transnazzjonali tal-intrapriżi jindirizzaw il-ħarsien tal-ambjent u kwistjonijiet relatati mal-klima iżda s'issa m'hemm l-ebda każijiet ta' regolamentazzjoni awtonoma bejn żewġ partijiet fil-livell Ewropew.

Is-Sitt Kapitolu: Żviluppi fid-djalogu soċjali Ewropew 2008–10

Il-kriżi ekonomika kienet is-suġġett dominanti ta' diskussjoni f'ħafna kumitati ta' djalogu soċjali Ewropej.

Dawn l-aħħar sentejn kienu kollox barra “negozju bħas-soltu” fil-kuntest tad-djalogu soċjali Ewropew. Id-diskussjonijiet dwar il-kriżi wasslu għal għadd ta' azzjonijiet konġunti, iżda anki għal każijiet ta' nuqqas ta' ftehim. F'Marzu 2009, il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Transindus-

trijali naqas milli jilħaq qbil dwar dikjarazzjoni konġunta minħabba d-differenzi fundamentali ta' opinjoni dwar il-kawżi tal-kriżi ekonomika u l-miżuri meħtieġa biex din tiġi indirizzata. Għadd ta' kumitati ta' djalogu soċjali settorjali laħqu qbil dwar id-dikjarazzjonijiet konġunti, inklużi dawk għas-setturi tal-industrija kimika, tal-kostruzzjoni, tat-trasport permezz tat-toroq, tal-kummerċ, tal-ispettakli live, tal-gvern reġjonali u lokali, u tax-xogħol fuq l-injam u l-ġhamara.

ħafna msieħba soċjali Ewropej u nazzjonali kemm fuq il-livell tal-industrija u l-livell settorjali taw kontribut għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-istrateġija Ewropa 2020. F'Ġunju 2010, il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Transindustrija adotta kontribuzzjoni konġunta li esprimiet il-fehma tagħhom li għadd ta' għanijiet se jkun kruċjali għall-irkupru ekonomiku ta' suċċess: ir-riforma tas-sistema finanzjarja globali, ir-restawr u t-titjib tad-dinamika tat-tkabbir biex jinħolqu aktar impjeggi ta' livell oġhla, il-promozzjoni tal-ħiliet u tal-intraprenditorija, l-ġhoti ta' ħajja mill-ġdid lis-suq uniku, l-iżvilupp ta' politika integrata industrijali tal-UE, l-appoġġ lil meżżi ġodda ta' finanzjament għall-investiment u l-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza, fost oħrajn. Huma jidentifikaw il-koeżjoni soċjali bħala prekondizzjoni għal ekonomija dinamika u sostenibbli.

Fid-djalogu soċjali Ewropew, ix-xogħol dwar il-ġestjoni tal-bidla ngħata importanza speċjali. L-imsieħba soċjali transindustrijali ffinalizzaw proġett ta' ħames snin li jeżamina r-rwol tagħhom fir-ristrutturar ekonomiku fl-UE. Il-Kumitat għad-Djalogu Soċjali tal-Industrija Kimika studja r-ristrutturar fis-settur, filwaqt li l-Kumitat għad-Djalogu Soċjali tal-Elettriku ppubblika sett ta' għodda għal ristrutturar soċjalment responsabbli.

L-imsieħba soċjali transindustrijali Ewropej iffirmap ftehim awtonomu dwar is-swieq tax-xogħol inklussivi. L-għan tal-ftehim, li se jiġi implimentat taħt ir-responsabilità tal-imsieħba soċjali nazzjonali fi żmien tliet snin, huwa li jsir użu sħiħ tal-potenzjal tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa, li tittejjeb il-kwalità tax-xogħol u li jżiedu r-rati tal-impjeggi fid-dawl tat-tixjiħ demografiku. Dan ikopri persuni li jiffaċċjaw diffikultajiet biex jidħlu, biex jerġgħu jiġu lura mill-ġdid jew biex jintegraw fis-suq tax-xogħol, kif ukoll lil min hu impjegat iżda li hu f'riskju li jitlef l-impjieg tiegħu.

Il-ħiliet u t-taħriġ jibqgħu jżommu l-pożizzjoni tagħhom bħala qasam ewlieni tad-djalogu soċjali Ewropew. B'kollox, f'dan il-qasam kien hemm kumitati ta' djalogu soċjali minn 16-il settur differenti. B'mod partikolari, fl-2009 l-imsieħba soċjali fis-settur tas-servizzi personali ffirmap

ftehim awtonomu li jiffaċilita t-tqabbil tal-kwalifiki u l-mobilità transkonfinali. Il-kumitati ta' djalogu soċjali settorjali tal-agrikoltura u l-ospitalità qed jaħdmu fuq inizjattivi biex tittejjeb it-trasparenza u l-kompatibilità ta' ħiliet u kwalifiki. Ħames kumitati ta' djalogu soċjali settorjali esprimew l-interess tagħhom fit-twaqqif ta' kunsilli settorjali Ewropej għall-impjegji u l-ħiliet.

L-imsieħba soċjali Ewropej għandhom rwol ewlieni fit-tieni fażi tal-aġenda tal-flessigurtà. Huma impenjati biex, b'mod konġunt, jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' flessigurtà, jevalwaw ir-rwol u l-involviment tal-imsieħba soċjali, u jaslu għal konklużjonijiet konġunti.

Is-saħħa u s-sigurtà għadu qasam ta' attività importanti għal ħafna kumitati ta' djalogu soċjali Ewropej. L-imsieħba soċjali Ewropej fis-settur tal-isptarijiet u tas-saħħa nnegozjaw b'suċċess ftehim dwar il-protezzjoni minn korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu, li ġie maħsub biex jiġi evitat li ħaddiema jġarrbu feriti mit-tipi kollha ta' oġġetti mediċi li jaqtgħu (inklużi labar). Għal dan il-għan huwa previst approċċ integrat għall-valutazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskji, kif ukoll għat-taħriġ u l-għoti ta' informazzjoni lill-ħaddiema. Il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali tas-Servizzi Personali nieda negozjati għal ftehim qafas dwar il-prevenzjoni ta' riskji għas-saħħa fis-settur tal-kura tax-xagħar.

Il-mobilità baqgħet tema importanti għall-Kumitat ta' Djalogu Soċjali tas-Servizzi Transindustrijali u għal setturi b'forza tax-xogħol b'livell għoli ta' mobilità. Il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali tas-Servizzi Transindustrijali wettaq ħidma konġunta dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każi *Viking*, *Laval*, *Rüffert* u *Luxembourg* dwar il-libertajiet ekonomiċi u d-drittijiet soċjali fundamentali tal-ħaddiema. Filwaqt li dawn qablu dwar l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet prinċipali, huma esprimew differenzi ċari ta' opinjoni dwar il-konsegwenzi tas-sentenzi jew tal-azzjonijiet li għandhom isegwu. Saru diskussjonijiet dwar il-mobilità fil-Kumitati Settorjali tal-Passaġġi tal-Ilma Interni, tal-Kostruzzjoni, tal-Isptarijiet, tal-Agricoltura, tas-Sigurtà Privata u tal-Aġenziji Temporanji.

Fil-qasam tal-ugwaljanza, l-imsieħba soċjali Ewropej transindustrijali nnegozjaw b'suċċess ftehim qafas rivedut tal-UE dwar leave tal-ġenituri. Il-ftehim qafas rivedut ġie implimentat bħala d-Direttiva 2010/18/UE, li stipula li kull ġenitur se jkun jista' jjeħu erba' xhur leave mix-xogħol għal kull wild, b'xahar mhux trasferibbli bejn il-ġenituri. Id-drittijiet se japplikaw għall-ħaddiema kollha irrispettivament mit-tip ta' kuntratt, u l-impjegati li jiġu lura minn leave tal-ġenituri se jkollhom id-dritt li jitolbu bidliet fl-

iskedi tagħhom tax-xogħol għal perjodu ta' żmien stipulat. Ħames setturi ffirmaw linji gwida dwar il-vjolenza minn partijiet terzi. Wara li ġie ffirmat il-ftehim qafas transindustrijali tal-imsieħba soċjali dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq ix-xogħol fl-2007, l-imsieħba soċjali Ewropej tas-setturi tal-isptarijiet, tal-gvern lokali u reġjonali, tal-kummerċ, tas-sigurtà privata u tal-edukazzjoni adottaw linji gwida multi-settorjali biex jindirizzaw il-vjolenza u l-fastidju minn partijiet terzi relatati max-xogħol.

Il-Kummissjoni ħadet kont ta' aktar minn 10 snin ta' djalogu soċjali settorjali Ewropew. Wara aktar minn 10 snin ta' esperjenza fid-djalogu soċjali settorjali Ewropew, il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma għall-persunal li jevalwa l-funzjonament tal-kumitati ta' djalogu soċjali settorjali u li jipproponi titjib possibbli. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tinkoraġġixxi lill-imsieħba soċjali settorjali nazzjonali u Ewropej biex jużaw bis-sħiħ il-qasam tan-negozjar tagħhom, biex isaħħu l-kapaċità amministrattiva tagħhom u biex joħolqu sinerġiji bejn is-setturi. Fi ħdan dan il-qafas, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi wkoll l-integrazzjoni ta' parteċipanti ġodda kif ukoll parteċipazzjoni aħjar ta' rappreżentanti mill-Istati Membri l-ġodda.

Tniedu tliet kumitati ta' djalogu soċjali settorjali Ewropej ġodda fl-2010, fuq talba konġunta tal-imsieħba soċjali Ewropej rispettivi. Diġà saru l-ewwel laqgħat tal-kumitati fis-setturi tal-metall, tal-karta u tal-edukazzjoni, waqt li d-djalogu soċjali Ewropew għall-amministrazzjonijiet ċentrali (governattivi) għandhom jiġu formalizzati fil-futur qarib wara fażi ta' ttestjar li mistennija ddum sentejn. L-imsieħba soċjali fis-settur tal-industrija agroalimentarja u tal-isport bħalissa qed jesploraw il-possibilità ta' kumitati ta' djalogu soċjali settorjali.

Is-Seba' Kapitolu: Analiżi tal-leġislazzjoni Ewropea 2008–10

L-adozzjoni ta' direttiva dwar xogħol ta' aġenziji temporanji u r-riformulazzjoni tad-direttiva dwar il-kunsilli Ewropej tax-xogħol kienu kisbiet ewlenin.

Fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, ġew adottati għadd ta' direttivi importanti tul dawn l-aħħar sentejn. Inkiseb progress ewlieni bl-adozzjoni ta' direttiva ġdida dwar ix-xogħol ta' aġenziji temporanji, li jipprovdi għal żieda sinifikanti fil-protezzjoni legali offruta lill-ħaddiema temporanji, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-aġenziji temporanji fil-promozzjoni ta' flessibilità akbar fis-suq tax-xogħol u fl-għoti ta' opportunitajiet ta' xogħol.

L-adozzjoni tar-riformulazzjoni tad-direttiva dwar il-kunsilli Ewropej tax-xogħol kienet suċċess ieħor. L-opinjoni konġunta tal-imsieħba soċjali UE li għet espressa matul il-proċess ta' kodeċiżjoni, iffaċilitat ftehim rapidu dwar it-test finali. Id-direttiva l-għdida tiċċara u ssaħħaħ diversi aspetti tal-leġislazzjoni preċedenti tal-1994, b'mod partikolari rigward id-drittijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni fil-kuntest ta' kwistjonijiet transnazzjonali. Din il-leġislazzjoni kisbet rilevanza partikolari fil-kuntest tal-kriżi ekonomika.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed ttwettaq evalwazzjoni ta' direttivi eżistenti sabiex tirrevedi l-effetti tagħhom, b'mod partikolari d-Direttiva 98/59/KE dwar sensji kollettivi, id-Direttiva 2001/23/KE dwar trasferimenti ta' impriżi u d-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea.

Ġew implimentati tliet ftehimiet bejn imsieħba soċjali Ewropej permezz ta' direttivi tal-Kunsill. L-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE li timplimenta l-ftehim qafas 2009 dwar il-leave tal-ġenituri konkluż mill-imsieħba soċjali Ewropej wera l-kapaċità tal-imsieħba soċjali — u tal-istituzzjonijiet tal-UE — li jibnu fuq il-ftehim preċedenti tal-1995, li ġie implimentat ukoll bħala direttiva. Il-leġislazzjoni l-għdida ssaħħaħ u tiċċara aħjar id-drittijiet għal-leave ta' ġenituri li jaħdmu.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/32/EU implimentat il-ftehim qafas dwar il-prevenzjoni ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fis-settur tal-isptarijiet u l-kura tas-saħħa, li ġie konkluż mill-imsieħba soċjali Ewropej fis-settur. L-inkorporazzjoni ta' dan il-ftehim fil-leġislazzjoni tal-UE tikkostitwixxi kontribut sinifikanti għall-ħolqien tal-aktar ambjent sigur possibbli tax-xogħol fis-setturi kkonċernati.

Wara konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali Ewropej fit-trasport marittimu mill-Kummissjoni, ġie deċiż li jsiru negozjati, u sussegwentement sar ftehim dwar l-inkorporazzjoni ta' għadd sostanzjali ta' dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006 fil-leġislazzjoni tal-UE. Il-ftehim ġie implimentat bid-Direttiva 2009/13/KE, li tlesti jew temenda d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-UE dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara, inklużi l-ħinijiet tax-xogħol.

B'konformità mal-aġenda tal-Kummissjoni għal regolazzjoni aħjar, kompla x-xogħol fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol 2007–12. L-iżviluppi li saru matul dak il-perjodu f'dan il-qasam kellhom l-għan li jiżguraw qafas regolatorju

li hu kapaċi jadatta għall-bidla b'mod kontinwu waqt li jirrispetta l-prinċipju li l-leġislazzjoni għandha tkun koerenti, sempliċi u effettiva u ta' tip li tilħaq ukoll l-għan li jtnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpanniji. Eżempju ta' dan kienet l-adozzjoni tat-tielet lista ta' valuri ta' limitu indikattivi ta' esponiment professjonali għall-aġenti kimiċi (Direttiva 2009/161/UE), li turi d-determinazzjoni tal-Kummissjoni biex iżżomm l-acquis tal-UE rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol konformi mal-aktar dejta xjentifika reċenti disponibbli. Żewġ Direttivi "ta' kodifikazzjoni" 2009/104/KE dwar it-tagħmir tax-xogħol u 2009/148/KE dwar l-asbestos huma r-riżultat tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar. Ġew żviluppati gwidi ta' prattika tajba, li l-iskop tagħhom hu li jiffaċilitaw u jtejbu l-applikazzjoni prattika ta' ċerti direttivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħal pereżempju dawk li jitrattaw il-ħsejjes, il-kostruzzjoni u r-radżazzjoni ottika artifiċjali.

Id-drittijiet tal-ugwaljanza fl-impjiegi qed jiġu ssorveljati u msaħħa. Il-Kummissjoni tkompli tqiegħed enfasi kbira fuq il-monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni korretta tad-direttivi fil-qasam tal-ugwaljanza. Dan jinkludi d-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE u 2000/78/KE, li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza u l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali fl-impjiegi u fix-xogħol madwar l-UE. F'Ottubru tal-2008, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex temenda d-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 92/85/KEE dwar il-protezzjoni tal-maternità. L-għan ta' din il-proposta hu li jipprovdi għal rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja privata, professjonali u tal-familja sabiex aktar nisa jkunu jistgħu jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol jekk ikollhom it-tfal. Fi żvilupp ieħor importanti, l-applikazzjoni tal-prinċipju tad-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa se tiġi msahħha għal persuni li jaħdmu għal rashom, permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/41/UE.

Instabu ostakoli u diffikultajiet kbar f'żewġ oqsma: Il-falliment tad-direttiva emendata dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-interpretazzjoni u l-infurzar tad-direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema.

Ostakolu ewlieni seħħ, meta l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi emendata d-Direttiva li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (2003/88/KE) għet irtirata, wara li l-Kunsill u l-Parlament ma rnexxilhomx jaslu għal kompromess. Il-proposta ppruvat tidentifika soluzzjoni għad-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja (CJEU) dwar il-każi SIMAP u Jaeger, kif ukoll tindirizza t-talbiet tal-partijiet

interessati fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' referenza għall-medja tal-ħin maħdum fil-ġimgħa u l-għażla individwali għall-esklużjoni. Il-Kummissjoni wiegħbet għan-nuqqas ta' konċiljazzjoni bit-tnedija ta' reviżjoni tad-direttiva, u ta' eżerċizzju estensiv ta' evalwazzjoni u konsultazzjoni inizjali mal-imsieħba soċjali Ewropej.

Sors ieħor ta' diffikultajiet kienet l-interpretazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (96/71/KE), inkluż ir-rispett għad-drittijiet soċjali kollettivi. Fid-dawl

tad-deċiżjoni CJEU dwar *Laval, Ruffert* u l-*Kummissjoni v. Luxembourg*, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżid l-isforzi tagħha biex tiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri, u biex tippromwovi d-dibattitu mal-partijiet interessati. Waqt li żżomm dawn id-diffikultajiet quddiem għajnejha, il-Kummissjoni qed tirrevedi l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-qafas legali dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema u diġà nediet (jew ikkummissjonat) diversi studji esterni li jittrattaw l-aspetti legali u l-effetti ekonomiċi tad-Direttiva. Dawn l-istudji għadhom għaddejjin.

Il-Kummissjoni Ewropea

Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010 — Sommarju Eżekuttiv

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 — 13 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-79-17897-9

doi:10.2767/15701

Il-rapport 2010 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa janalizza l-iżviluppi fir-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema, min iħaddem u r-rappreżentanti rispettivi tagħhom matul il-perjodu 2008–10. Dan is-sommarju eżekuttiv tar-rapport jagħti deskrizzjoni ġenerali tal-impatt tal-kriżi ekonomika u tar-rwol li kellhom l-imsieħba soċjali fil-ġlieda kontra din il-kriżi. Ir-rapport jagħti wkoll ħarsa lejn is-seba' kapitoli tar-rapport. Dawn ikopru d-diversi xejriet fir-relazzjonijiet industrijali Ewropej, il-perspettivi tal-imsieħba soċjali dwar il-kriżi u l-azzjonijiet li ħadu fir-rigward tagħha, il-flessibilità tal-pagi u l-pagi minimi, ir-relazzjonijiet industrijali u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'karbonju baxx, kif ukoll l-iżviluppi fid-djalogu soċjali fl-UE u l-leġislazzjoni fil-perjodu 2008–10.

Is-sommarju huwa disponibbli f'format elettroniku fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, waqt li r-rapport sħiħ huwa disponibbli bl-Ingliż f'format stampat (ISBN 978-92-79-17861-0).

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (<http://ec.europa.eu>) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

Jinteressaw **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjegi,
L-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni?

Jekk iva, tista' tnizzillhom mill-internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistiednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika
tal-Kummissjoni Ewropea *Ewropa Soċjali* bla ħlas fuq
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social>



www.facebook.com/socialeurope



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-17897-9



9 789279 178979